NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Mejju – Gunju 1999 Nru. 107

## *Messagg mill-Arcipriet*

# ĦUTNA L-EMIGRANTI

Wieħed mill-għanijiet li għalih bdiet tiġl pubblikata din ir-rivista tal-Parroċċa tagħna f'Lulju ta' l-1981 kien li jinżamm kuntatt mal-membri tal-komunita' parrokkjali tagħna li jinsabu jgħixu f'artijiet oħra. Dan l-iskop ilhaqnih għax sa mill-ewwel ħarġa din ir-rivista bdiet tiġl mibgħuta bl-ajru lil numru sabiħ ta' emigranti fl-Awstrajla, il-Kanada, fl-Istati Uniti, fl-Ingliterra u f'postijiet oħra.

Aħna konvinti li kull min jirċviha jieħu gost jaqra x'inhu jiġri fil-parroċċa kif ukoll jitgħallem xi ħaġa mill-artikli li jiġu pubblikati. Dan jidher mill-fatt li ta' sikwit nirċievu minn għand bosta minnkom għotjiet bħala sosten għar-rivista. L-għajnuna tagħkom meħtiġuha u naf li kull meta tkunu fostna tiringrazzjawna talli nibgħatulkom din ir-rivista. iżda llum nixtieq ngħamlilkom appell.

Nafu li għad baqa' ħafna u ħafna emigranti li jkunu jixtiequ jibdew jirċievu regolarment ir-rivista tagħna. Għalhekk nixtiequ nappellaw lil min qed jirċeviha biex jagħmel ħiltu u jgħid lil emigranti oħra biex jibgħatulna l-indirizz tagħhom u aħna nibdew nibgħatuhilhom ukoll. Jekk kull min jirċeviha jgħidilna b'emigrant ieħor nirduppjaw il-lista twila li diġa għandna.

Intom fejn intom, għeżież emigranti ħutna, nibgħat lilkom u lill-familji tagħkom l-isbaħ xewqat u j'Alla permezz ta' dawn il-ftit paġni li tirċievu thossukom parti minna u li dak li taqraw ikompli jgħinkom tgħixu l-ħajja tagħkom fil-Grazzja t'Alla bil-għajnuna u l-interċessjoni tal-maħbub Patrun tagħna San Ġorġ Martri.

# It-Talba tal-'Missierna'



***Min jaf kemm il-darba ngħidu t-talba tal-"Missierna" mingħajr ma naħsbu x'inkunu qed ngħidu. Kieku kellu jkellimna Alla l-Missier meta nitobuħ min jaf x'jgħid għalina. Din hija traduzzjoni mill-Ingliż ta' diskursata bejn xi ħadd li kien qed jgħid din it-talba u Alla l-Missier. Veru li kultant ma noqgħodux naħsbu dwar dak li nkunu qed ngħidu.***

Missierna, li inti fis-smewwiet.

**• Iva.**

Jien smajt xi leħen?

**• Iva, hekk hu.**

Aħjar nerġa nibda. Missierna li inti fis-smewwiet.

**• Iva għidli.**

ikompli f'paġna 4

IL-BELT VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Ufficcju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita', Victoria, Għawdex. • Tel : 55 63 77

### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

*10.04.99:* **JANICA**
bint Joseph Spiteri u Josephine nee' Spiteri

*11.04.99:* **BENJAMIN**
iben Anton Grech u Maria nee' Vassallo

*09.05.99:* **ELAIN u NICOLE**
ulied Joseph Grech u Vivianne nee' Azzopardi

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

*24.04.99:* **George Cini** u **Roberta Attard**

### MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT



*14.04.99:* Ġużeppi Micallef
*14.04.99:* Carmena Vella
*22.04.99:* Ġorġa Scicluna
*29.04.99:* Ġorġ Schembri
*07.05.99:* Tarċisja Attard
*11.05.99:* Toni Micallef
*13.05.99:* Joseph Balucci

**Grazzi**

***Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista:***

| | |
|---|---|
| Gorg Cassar, Fontana | Lm2 |
| Anton Farrugia, Victoria | Lm2 |
| Mons. F. Azzopardi | Lm2 |
| Guzeppi Galea | Lm2 |


# LOURDES 1999



**Żur il-Belt tal-Madonna**
mis-26 sal-31 ta' Lulju

•••••••••••••••

***Baqa'Ftit Postijiet Biss***

*Min hu interessat ikellem lil Mons Salv Borg*




## Editorjal

# LEJN MILLENJU IEĦOR

Ma kull min tiltaqa' bilfors jissemma' l-fatt li fi ftit xhur oħra jiġi fi tmiemu t-tieni millenju. Ħafna ġa qed jaħsbu u jippreparaw x'ser jagħmlu biex jiċċelebraw dan l-avveniment. Ikliet, xalar, divertiment : huma fuq l-aġenda ta' ħafna nies. Dawn moħħhom biss fil-mument meta l-arloġġ, jew aħjar iż-żmien, jgħaddi minn millenju għal ieħor.

Imma ż-żmien x'inhu? Mhux Għawdex ser nibqgħu! Mhux fejn trabbejna ser nerġgħu nsibu ruħna! Mhux lejn l-istess xogħol ser nerġgħu mmiddu għonqna! Veru li dan l-avveniment ma jiġix kuljum, pero' tajjeb li ma nesaġerawx. Tajjeb li naħsbu sewwa li l-ħajja tibqa' sejra u tajjeb naħsbu x'ser inġorru magħna mill-millenju li ser jispiċċa għall-millenju l-ġdid.

Fil-millenju li għadda, speċjalment fl-aħħar seklu tiegħu, ġraw avvenimenti kbar. Gwerer, invenzjonijiet straordinarji, tibdil fil-mod tal-ħajja, tixrid ta' ideat ġodda u mitt ħaġa oħra. Saru bidliet kbar! Saru tibdiliet fis-sistema edukattiva, fis-soċjeta', fil-familja u anke fil-Knisja. Imma minkejja kollox, il-prinċipji fundamentali tal-fidi Nisranija kif mgħallma mill-Knisja Kattolika ma nbidlux u mhux ser jinbidlu mal-bidu ta' millenju ieħor.

Dan il-fatt hemm bżonn inżommuh quddiem għajnejna. Jekk verament irridu niċċelebraw il-bidu ta' millenju ieħor bis-serjeta', ejjew naraw li dak li huwa bażiku għall-ħajja sinċiera u awtentika Nisranija ma nwarrbuhx għax forsi naħsbu li għadda żmienu. Dan hemm bżonn li nifhmuh u nifhmuh sewwa.

U waqt li nżommu dan kollu quddiem għajnejna nippenjaw ruħna li nissieħbu fil-programm ta' attivitajiet biex jiġi ċelebrat dan l-avveniment li qed jitħejja kemm mid-Djoċesi kif ukoll mill-Parroċċa tagħna.

# LEJN FESTA OĦRA

Fl-aħħar Sollennita' Liturġika, ta' dan il-millenju, f'ġieħ San Ġorġ Martri, nhar il-Ġimgħa 23 ta' April 1999 ħriġna l-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa tagħha. Ħaġa mhix tas-soltu! L-iskop kien singulari. Il-messaġġ wasal għax il-Bażilika tagħna mtliet daqs bajda biex raddejna ħajr lill-Protettur t'Għawdex tagħna għall-ħarsien tiegħu matul dawn l-aħħar elf sena. Tlabnieh b'ħerqa kbira biex jibqa' f'qalbna u jibqa' jħarisna fis-snin li ġejjin.

J'Alla f'Lulju li ġej, meta jsiru manifestazzjonijiet kbar f'ġieħ il-Patrun tagħna u ta' gżritna, inkomplu nroddulu ħajr u nitolbuh ikompli jħarisna. Għad għandna bżonn il-patroċinju tiegħu! Għad għandna bżonn l-eżempju tiegħu ta' fidi bla kompromessi! Għad għandna bżonn il-ħarsien tiegħu!

Mela fil-ġimgħat li baqa', nattendu għall-funzjonijiet tal-Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa, ħalli f'Lulju nkunu denji niċċelebraw l-aħħar festa ta' dan il-millenju f'ġieħ San Ġorġ tagħna.









## It-Tfal li għamlu l-PREĊETT nhar l-Erbgħa 5 ta' Mejju 1999

***Is-Subien:***

ATTARD Joel, ATTARD Justin, BRINIOLI Jonathan, CACHIA Albert, CAMILLERI G. Joseph, CARUANA Dennis, CARUANA Fredrick, CARUANA Stephen, CASHA Alan, CURMI Clayton, FARRUGIA Andrew, FARRUGIA Jean Paul, FENECH Philip, GALEA James, GALEA Savio, GAUCI Matthew, GRIMA Joseph, PACE Matthew, RAPA Mark Josef, SPITERI Christian Joseph, SPITERI Shaun, TABONE Charlon, THEUMA Richard, VELLA Christian Peter Paul, VELLA Emanuel, Vella Johan.

***Il-Bniet:***

AZZOPARDI Daniela, BORG Marika, CAUCHI Rebecca, FARRUGIA Dorianne, FARRUGIA Patricia, FENECH Casie, FENECH Christine, GRIMA Christiana, MEJLAK Elisa, MERCIECA Chantelle, PISANI Erica Sylvana, PORTELLI Antinette, PORTELLI Jessica, SALIBA Maria, SPITERI Elise Ann, TABONE Doreen, XUEREB Glorienne, ZAMMIT Jessica.

## It-Tfal li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju 1999

***Is-Subien:***

AGUIS Gerald, APAP Christian, ATTARD Anthony George, ATTARD George, ATTARD Manwel, BONNICI Justin, BORG James, BORG Josef, BORG Stephan, BRIFFA Errol, CAMILLERI George, CINI James, CUTAJAR George James, FARRUGIA Joseph, FARRUGIA Josmar, FENECH Emanuel, FORMOSA Andrew, FORMOSA Corry, FORMOSA Mark, GALEA George, GAUCI Kevin, GRECH Andrew, GRECH Melvin, GRECH Thomas, MICALLEF Donald, MIZZI Christopher, MIZZI George Mario, PACE Daniel Joseph, PAVIA Lauren, PORTELLI Trevor Frank, PORTELLI Shaun, SCHEMBRI Fabio, SILLATO Sergio, SPITERI Savio, TABONE Andrew, XERRI Aidan, XUEREB Andre', ZAMMIT Ruben.

***Il-Bniet:***

ATTARD Amanda, AXIAK Larissa, AZZOPARDI Vanessa, BAJADA Maria, CASHA Sarah, CASSAR Charmaine, CAUCHI Kristen Marie, DEBONO Marisabelle, FALZON Elaine, FARRUGIA Christiana, FARRUGIA Isabella, FENECH Stephanie, FORMOSA Maria, FORMOSA Renata, GALEA Maria, GATT Marilyn, GRECH Rebecca, MERCIECA Antonella, MERCIECA Marion, MIZZI Nadine, MUSCAT Jennifer, PORTELLI Sandra, SAID Cynthia, SALIBA Anna, SALIBA Annalise, SCICLUNA Angele, SCICLUNA Katya, SPITERI Ramona, XUEREB Amanda.

jaqbad mill-paġna ta' quddiem

## It-Talba tal-'Missierna'

*Erġajt waqqaftni!*

- **Mhux inti sejjaħtli. Inti għedt:'Missierna li inti fis smewwiet.' U, hawn jien.**

*O Mulej!*

- **Għax qed tiskanta!**

Se nkun sinċiera miegħek. Iva ninsab sorpriża hafna. Ma stennejtx li ser tweġibni.

- **Mur obsor! Mela din hi l-fidi kollha li għandek fija. Insomma issa li qed tkellimni, xi trid?**

Ara ħa nkun sinċiera. Ma tantx ħsibt x'irrid. Taf int, kull tant u tant nghid din it-talba biex inħossni aħjar.

- **Eh! Mela għalhekk qiegħda titlob, biex tħossok aħjar! Issa qed nifhem. Kompli, kompli.**

Jitqaddes ismek.

- **Minuta! X'tifhem b'jitqaddes?**

*Tfisser... Ha nara taf. ... Issa sew! Taf li ma nafx eżatt xi tfisser.*

- **Imma, inti s-soltu tuża kliem li ma tafx xi jfisser meta titkellem man-nies?**

Le.

- **Mela allura għax tagħmel hekk meta tkun qed titkellem miegħi? Wara kollox dak li hu t-talb: diskursata bejni u bejnek.**

*Għandek raġun, Mulej. U bilħaqq xi tfisser eżżatt 'jitqaddes'?*

- **Tfisser tagħti ġieħ lil Ismi.**

Mela dak li qed nitlob ghalih hu li kulhadd jagħti ġieħ lill-isem tiegħek.

- **Iva, dik l-idea bejn wieħed u ieħor.**

*Issa nista' nkompli?*

- **Mela le.**

*Tiġi saltnatek.*

- **X'saltna għandek f'moħħok?**

M'inhiex ċerta!. Kull ma naf hu li d-dinja donnha saret ta' taħt fuq.

- **Mela inti x'tip ta' dinja tixtieq li qed tgħix fiha?**

Nixtieq nara lil kulhadd jgħix fil-paċi.

- **Imma inti tgħix fil-paċi ma' kulhadd?**

Kważi kulhadd! Imma hemm xi ftit li nixtieq li jsibu kappell jiġihom. Hemm wieħed mill-ġirien li nixtieq narah jemigra lejn in-North Pole.

- **Imma x'tgħidli dwar l-inkwiet li taqla' inti? Int m'intix xi anġlu, taf!**

Isma hi, issa qed tweġġagħni, Mulej. Ma taħsibx li qed teħodha wisq bis serjetà?

- **Imma kont int li tlabt biex tiġi saltnati. Allura għax ma tibdiex bik innifsek? Inti tixtieq tkun membru tas-saltna tiegħI, hux veru?**

Iva, imma m'inhiex dejjem ċerta xi jkolli naghmel.

- **Is-saltna tiegħi tikber b'dawk li jfittxu li jkunu onesti, jgħidu s-sewwa u li jkunu ġusti. Fi ftit kliem, dawk li jgħamlu dak li nixtieq jien.**

Li tixtieq int : dak li kont ser nghid. Nista' inkompli?

- **Mela le!**

Ikun li trid int fis-sema, kif wkoll fl-art.

- **'Fl-art' naħseb li taf li tfisser fil-ħajja tiegħek wkoll?**

*Eq, mela!*

- **Tajjeb, mela x'se tagħmel dwar dan?**

*X'jiġifieri x'ser nagħmel dwar dan? Għadni kemm tlabt proprju fuq hekk?*

- **Iva veru. Imma ipermitili nerġa nistaqsik: x'se tagħmel dwar dan?**

Ma kont qed nippjana li nagħmel xejn.

- **Eh! Mela hekk qegħdin l-affarijiet? Inti titlob biex isseħħ ir-rieda tiegħi; imbagħad torbot idejk u ma tagħmel xejn. Mhux aħjar inkunu prattiċi! Meta kien l-aħħar li ppruvajt tgħin li xi ħadd? U x'tgħidli fuq ilsienek?**

Ieqaf, Mulej. Jien m'inhiex agħar minn ħaddieħor. Imma xorta nixieq li kont persuna aħjar.

- **Tajjeb. L'affarijiet qed jidhru aħjar! Li titlob jista' ikun perikoluż taf!**

*X'jigifieri?*

- **Jekk tieħdu bis-serjetà tista tispiċċa persuna differenti. Kompli jekk jogħġbok.**

Isma, illum it-talb qed jieħu aktar ħin mis-soltu. Soltu nispicca f'żewġ minuti eżatt. Li qed jinkwetani hu dan: Jien suppost niltaqa ma xi hadd fil-hamsa. Nistgħu nispiccaw din id-diskursata darb'oħra.

- **Tispiċċa f'żewġ minuti eżatt? Dan jidher qisu xogħol ta' malajr. Mela ma tistax tistenna? Minuta ilu kont qed titlob biex issir ir-rieda tiegħi. Imma issa qed jidher li rridu nagħmlu r-rieda tiegħek.**

Insomma, mela nahseb ahjar inkomplu. Hobżna ta' kuljum aghtina illum.

- **Għal x'hiex qed titlob issa?**

Ghall-hobż - ta' l-anqas hekk tghid it-talba, hux hekk?

- **Iva, imma ħobż għal min?**

*Mhux għalija?*

- **Għalik? Ma tanx tidher bil-ġuħ għalija! Allura xi trid aktar?**

Isma', teħodnix ħażin, Mulej. Jien m'inhiex qed ingerger. Jien grat ghall-hafna affarijiet li ghandi. Imma xorta nhoss li ghandi xi haġa nieqsa. Kultant inhoss li jonqosni xi haġa.

- **Dak li qed tħoss hu ġuħ spiritwali.**

Ġuħ spiritwali! Ma nahsibx li naf xi trid tghid.

- **Il-ġisem uman għandu ruħ wkoll. Ir-ruħ wkoll għandha bżonn l-ikel.**

*Issa qed nifhem!*

- **Aħjar inkomplu bil-bqija tat-talba. Jien interessat ħafna fil-parti li jmiss.**

**(waqfa qasira)**

- **Għaliex m'intx qed tkompli?**

Qed nibża' minn x'tista' tghidli.

- **Ipprova għidli u tara.**

Ahfrilna dnubietna, bhalma ahna nahfru lil min hu hati ghalina.

- **X'tgħidli dwar il-kunjata?**

Kont naf li ser issemmiha. Imma, Mulej din hi l-aktar persuna ħażina li qatt iltqajt magħha. Kieku kellha ma' taghtix kas ta haddieħor!

ikompli f'paġna 6

# F'GĦELUQ IL-75 SENA MILL-MIĠJA TAD-DRIEGĦ TA' SAN FRANĠISK SAVERJU F'GĦAWDEX

***Ġrajja li nkitbet b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Knisja f'Għawdex hija dik tal-Ħadd 2 ta' Ġunju 1924 meta f'Għawdex inġabet ir-Relikwija Insinji tad-Driegħ ta' San Franġisk Saverju, l-Appostlu Ġiżwita ta' l-Indja. Qabel ma' ngħaddu biex nitkellmu dwar din il-ġrajja tajjeb li nagħtu tagħrif dwar dan il-qaddis, ġieħ u glorja tal-Kumpanija ta' Ġesù imwaqqfa minn Sant Injazju ta' Loyola fl-1540***

### IL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK SAVERJU

San Franġisk Saverju kien iben don Juan de Jasu, duttur fl-Universita' ta' Bologna u president tal-Kunsill Rjali, u Maria Azpilcueta, bint familja nobbli. Huwa twieled fis-7 ta' April 1506 u f'Settembru 1525 għadda biex jistudja fl-Universita' ta' Pariġi.Tnejn mill-kumpanji tiegħu kienu l-beatu Pietru Favre u Sant' Injazju minn Loyola il-futur fundatur tal-Kumpanija ta' Ġesù. Ma' dawn it-tnejn u erba' oħra huma għamlu vot li jmorrui l-Art Imqaddsa, u jqaddsu lil ħajjithom għall-ħajja apostolika fil-faqar u fis-safa'. F'Settembru tas-sena 1534 taħt il-ħarsien ta' Sant' Injazju għamel l-eżerċizzi spititwali meta ddeċieda li jingħaqad għal dejjem f'imħabba għal Alla u għall-bnedmin.

Ħa l-Ordinazzjoni Saċerdotali fl-24 ta' Ġunju 1537. F'dak iż-żmien ir-Re tal-Portugall, Ġwanni III talab lil Sant' Injazju minn Loyola, missjunarji għall-Indja. San Franġisk telaq ma' qassis ieħor għal din il-missjoni fil-15 ta' Marzu 1540, u wasal Lisbona f'Ġunju mnejn telaq bħala Legat tal-Papa lejn l-Indja fis-7 ta' April 1541.

Dan il-qaddis għadda mhux biss fl-Indja, imma wkoll fil-Ġappun (1548-1551) u fiċ-Ċina (1552) ixerred il-kelma tal-Vanġelu ta' Kristu fost dawn in-nies. F'dawn l-artijiet kbar San Franġisk għallem, qarar, ippriedka u għammed. Għallem liż-żgħar, lill-ilsiera u wkoll lil-lebbrużi.

San Franġisk Saverju miet bejn it-2 u it-3 ta' Diċembru 1552 assistit minn ~iniż nisrani jismu Antonju fejn sena qabel kiteb minn xhiex kien għadda dan il-qaddis.Biex ġismu jintemm tefgħulu l-ġir, imma xhur wara sabuh mhux imħassar u ħaduh ġewwa Goa, fejn wasal fil-Ġimgħa Imqaddsa tas-

*Kitba tal-***Kan. Dun Nikol Vella Apap**



sena 1554. Id-"Driegħ" tal-lemin tiegħu li fuqu sejrin niktbu li biħ dan il-qaddis għammed tletin elf infidil ġie mehud Ruma fis-sena 1616 fejn huwa meqjum fil-knisja famuża "Ta' Ġesù".

### IL-WASLA TAD-DRIEGĦ TA' SAN FRANĠISK SAVERJU F'GĦAWDEX

L-Imġarr, il-post fejn kellha tasal din ir-Relikwija Insinji kien mimli bin-nies. Nies minn Nadur, mill-Qala u Għajnsielem. Tir ta' masklu fis-6.30am għamel sinjal li din ir-Relikwija kienet qorbot lejn Għawdex.Ma' dan is-sinjal beda d-daqq tal-qniepen, it-tisfir tal-vapur u t-tixjir ta' l-imkatar. Id-dgħajjes tax-Xatt kienu mżejna b'damask u bnadar tal-Papa u ta' Malta. Hekk kif ir-Relikwija waslet l-Imġarr magħha kien hemm il-Patrijiet Ġiżwiti Furci, Robinson u Mejlak, flimkien ma' l-Isqof t'Għawdex u l-Kummisarju Tonna. Fost iċ-ċapċip u l-għajjat ta' Evviva l-Appostlu ta' l-Indja, ir-Relikwija tad-Driegħ ta' San Franġisk niżlet l-art fost il-kant tat-tfal ta' l-iskejjel tal-Gvern li kantaw l-innu "Iste Confessor Domini Colentes". Taħt il-veranda tax-Xatt kien hemm il-morda li kienu minn ta' l-ewwel li biesu din ir-Relikwija Insinji.

Fi triqtha lejn ir-Rabat din ir-Relikwija Insinji għaddiet minn fuq il-weraq tar-rand li kienu jiksu l-art kollha. Id-Driegħ ta' San Franġisk għadda minn Triq San Bartilmew fix-Xewkija u fil-misraħ tal-Knisja saret turija ta' ferħ u ta' qima minn nies ta' dan ir-raħal. Ir-raħal kien imżejjen bit-trufej, bnadar u rand. L-Isqof Mons Gann. Marija Camilleri, Agostinjan, ta l-Barka bir-Relikwija fil-misraħ tal-knisja.

F'Corso Fortunato Mizzi (sa ftit iluTriq it-Tiġrija w illum Triq ir-Repubblika) kien hemm jistennew il-fratelli ta' l-irħula kollha, patrijiet, qassisin, Kanoniċi, Kappillani u Arċiprieti, Seminaristi u l-kleru tal-Belt Victoria u l-Kapitlu tal-Katidral li wara ffurmaw purċissjoni sal-Knisja Katidrali.

Quddiem id-dar tas-Sur Ettore Tabone (illum l-Każin tal-Banda Leone) twaqqfet kappella proviżorja mżejjna għall-okkażjoni. Mill-Gran Kastell beda jinstema' l-isparar tal-maskli u murtali. Minn fuq l-artal l-Isqof ta l-Benedizzjoni lil dak il-poplu li honoq din it-triq. Hemm kif il-purċissjoni daħlet fil-Katidral, fit-8.30am tat-2 ta' Ġunju 1924, Mons Alfons Marija Hili għamel priedka ta' l-okkażjoni.

### IL-FUNZJONI FIL-KATIDRAL

Wara l-indirizz ta' Mons Hili, tkanta l-innu "Iste Confessor", l-Antifona u "Te Deum". Wara sar il-bews tar-relikwija minn dawk kollha miġbura fil-knisja u sahansitra mill-morda li kien hem fis-sagrestija. Fl-10.30am ir-Relikwija niżżluha mill-Katidral u ħaduha għand xi morda u wara fil-Konservatorju ta' l-Isqof.

Wara nofs in-nhar, fit-3.00pm, saret purċissjoni oħra ġewwa r-Rabat u r-Relikwija ta' San Franġisk Saverju waqfet fejn il-bieb prinċipali tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, f'misraħ Savina fejn il-Knisja u f'misraħ it-Tomba fejn Santu Wistin. Meta r-Relikwija waslet pjazza San Franġisk daħħluha wkoll fl-Isptar Victoria u wara għand is-sorijiet Franġiskani ta' Triq Palma. Minn dan il-post ingħatat il-Barka lin-nies kollha.

Il-Purċissjoni wara kompliet lejn il-Kappella Proviżorja li ssemmiet iktar 'l quddiem u hemm ingħatat il-barka biex wara titkompla t-triq lejn l-Imġarr. L-Isqof u l-Kumitat niżlu lejn l-Imġarr fejn ingħatat l-aħħar Barka b'din ir-Relikwija qabel ma ħaduha fuq il-vapur "Golly" li telaq lejn Malta fis-6.30pm.

Din il-ġrajja ħalliet eku kbir fost il-poplu tal-gżira Għawdxija u ħafna min dawk li twieldu f'dak iż-żmien ingħataw l-isem Franġisku Saverju : l-Appostlu l-Kbir ta' l-Indja.

***Bibbljografija:***

1.Bibliotecha Sactorum.Vol.V.pp.1227,1228.
2.Patri Albert Busuttil S.J. Il-Ħajja tal-qaddisin.Vol.IV pp141/143
4."Malta". Ieri-Lunedi 2 Giugno 1924
5.Kan Dun Nikol vella Apap. "Ġrajjiet mill-Imgħoddi". Ms.pp.67-72

jaqbad min paġna 4

## It-Talba tal-'Missierna'

- **Imma, inti m'għadekx kemm tlabt : 'bħalma naħfru lil min hu ħati għalina'?**

*U, isa Mulej; għax ma tirraġunax ftit! Ninsa li għamlitli? Mank niflaħ narha?*

*Emmenni ma' niflaħx naraha quddiemi! Għad jiddispjaciha li tidher quddiemi!*

- **Mela erġajna lura għaż-żminijiet tal-qedem: għajn għal għajn u sinna għal sinna. Imn'alla mhux kulħadd jaħsibha bħalek, għax kieku nofs in-nies tad-dinja qiegħdin bla snien u bla għajnejn. Allura se neħodha li m'intixi se taħfrilha?**

Ser inkun onesta! Ma nistax inwieghdek.

- **U sadanittant tistenna li jien naħfirlek? Allura int mhux ser taħfrilha?**

Iva, daqshekk.

- **Mela għax ma tmurx tiltaqa' ma min kellek tiltaqa'. Tibqax taħli ħinek.**

*Taqtagħlix barra Mulej. Minuta! Għadek hemm? (wara ftit) Donnu qata' l-linja. Kont ser ngħid li forsi nista ninsiha wara kollox. Hekk se nagħmel! Għadek hemm, Mulej?*

- **Iva.**

Tajjeb. Beżżajtni għal-mument. Ħsibt li qtajtli.

- **Sew qed nifhem li ma tantx tieħu gost meta xi ħadd jaqtagħlek barra.**

*U ma' tafx li ma nieħux gost!*

- **U dak eżattament li tagħmel int meta ma' taħfirx. Taqta' lil xi ħadd minn miegħek, u tinqata' minn ħadd ieħor. Allura x'ser tagħmel? Ser taħfrilha?**

Iva!

- **Inkomplu bit-talba!**

*Iddaħħalniex fit-tiġrib;*

- **Dan dejjem iġegħlni nidħak!**

*Għax qed tgħid hekk Mulej?*

- **Għidli din! Xi darba ġejt bżonni u ridtni ngħinek biex tidħol f'xi periklu? Mhux int dħalt b'għajnejk miftuħa beraħ! Irrid ngħid li ħadd ma jġagħlek tagħmel affarijiet ħżiena bilfors. Tagħmel ħażin għax trid!**

Ieqaf, Mulej, smajt biżżejjed! Naf xi trid tgħid! Kultant l-affarijiet inġibhom b'idejja stess. Imma kultant l-affarijiet jiġu quddiem wiċċi bla ma nkun irrid!

- **Veru! It-tentazzjoni m'hix ħażina fiha nnifisha. Hija ċ-ċans li tipprova kemm int fidil lejja u matur.**

*Allura għal x'hiex ser nitlob?*

- **Itlob biex ikollok l-għajnuna tirbaħ it-tentazzjonijiet li tista tevita, u tirreżisti dawk li ma tistax taħrabhom.**

Jidher li dan hu parir tajjeb.

- **Issa, tista' tkompli.**

Eħlisna mid-deni.

- **X'għandek f'moħħok?**

Kelli ħabib li miet f'inċident tat-traffiku u ieħor li miet b'kanċer f'eta żgħira.

- **Nispera li m'intix twaħħal fija?**

*Le, ma tarax!*

- **Taf li jien ma rridx li dawn l-affarijiet jiġru.**

*Imma meta jiġru dawn l-affarijiet tisma' lil min jgħid: Din il-volonta' t'Alla!*

- **Le, m'hix il-volonta' tiegħi li jiġru traġedji bħalma semmejt!**

*Imma, inti ma' stajtx tara li ma jiġrux?*

- **Id-dinja hija dinja imperfetta! Barra minn hekk in-nies huma liberi.**

*Allura inti ma tistax tiggarantili ħajja nieqsa minn kull uġigħ u sagrifiċċji?*

- **Le! Lanqas stajt nagħmel dan għal Ibni stess. Imma hemm ħaġa li ser nagħmel.**

*X'inhi?*

- **Ngħinek f'kull inkwiet li jista' ikollok.**

Mulej, anke jekk ikolli nimxi mill-iktar wied mudlam, ma nibżax sakemm ikolli lilek miegħi.

- **Jien inkun miegħek żgur. Tista' isserraħ rasek.**

Grazzi Mulej. It-talba tiegħi spiċċat.

- **Kellna diskursata mhux ħażin!**

*U żgur!*

- **Ħafna jgħidu t-talb, imma ma jitolbux. Jekk matul din id-diskursata li kellna wrejtek fejn qed tiżbalja, dan għamiltu għax nieħu ħsiebek. Nixtieq li tkun iktar kuntent. Tista' tmur! Imma ftakar li minkejja kollox jien inħobbok kif int.**

*Kif jien? Bin-nuqqasijiet kollha li għandi? Dan veru, Mulej?*

- **Veru, u nittama li nerġa' inkellmek ma ndumx.**

Żgur li nerġa nkellmek!

- **Mela, flimkien ngħidu 'Hekk Ikun'.**

## IL-ĠIMGĦA MQADDSA F'MALTA




*Artiklu pubblikat fil-ħarġa tar-rivista ta' kull xahar maħruġa mis-Salesjani ta' Don Bosco, Il BOLETTINO SALESIANO ta' April 1999 jagħti dettalji dwar id-drawwiet mabutin mal-Ġimgħa Mqaddsa f'Malta. Wieħed mir-ritratti bil-kulur ma' dan l-artiklu ta' Giancarlo Manieri, huwa propju l-istatwa hekk msejħa "Il-Vara l-Kbira" li tinġarr fil-purċissjoni devota u tradizzjonali li ta' kull sena toħroġ mill-Bażilika tagħna. L-artiklu jibda billi jagħti ħjiel tal-bidu tal-konverżjoni tal-Maltin għall-Fidi Nisranija, imbagħad ikompli billi jsemmi t-tradizzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa bil-purċissjonijiet u d-devozzjonijiet li jsiru saċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid il-Kbir.* ●

# Rokna tat-Tfal

Għeżież tfal,

Minn hawn u ftit ieħor tibdew tonfħu bis-sħana. Minn hawn u ftit ieħor ukoll tibdew tgħumu u ċċafċfu. Biss qabel jiġru dawn il-ħwejjeġ, hemm xi ħaġa mportanti li intom jeħtiġilkom tagħmlu. Iva, qtajtu x'inhi: l-eżamijiet annwali. Dawn ukoll qegħdin wara l-bieb u hemm bżonn li lkoll kemm intom tkunu mħejjijin tajjeb għalihom. Jekk tmorru ħażin, agħar għalikom għax ikollkom tgħaddu s-sajf kollu tistudjaw. Imma anke għal dawk li jmorru tajjeb u jgħaddu minn kollox, xorta jibqagħlhom id-dmir li matul is-sajf kollu, l-istudju u l-qari ma jabbandunawhomx.

Fit-Tielet Ħadd ta' Lulju, bħassoltu, ikollna l-festa sabiħa u għażiża tal-Patrun tagħna San Ġorġ. Fuq dan is-suġġett forsi jkollna ċ-ċans li nitkellmu f'ħarġa oħra. Sadanittant, kunu mħejjijin tajjeb għal din il-festa, biex bħal dejjem, il-festa ta' San Ġorġ tkun waħda mill-aqwa.

Ix-xahar ta' Mejju huwa x-xahar tal-fjuri, iżda fuq kollox huwa x-xahar dedikat lil Ommna tas-Sema, il-Verġni Mqaddsa Marija. F'dan iż-żmien hekk sabiħ u għażiż, agħmlu kemm tifilħu devozzjonijiet lejn il-Madonna. Uruha li tħobbuha tabilħaqq u bis-serjeta' biex Hi wkoll tħobbkom, tħariskom u teħliskom minn kull tiġrib tar-ruħ u tal-ġisem. U l-aktar permezz tat-talba sabiħa li Hi ordnat lil Bernardette u lit-tlitt itfal ta' Fatima: ir-Rużarju Mqaddes. Permezz ta' din it-talba, ħafna mill-problemi jsolvu ruħhom. Itolbu dejjem lil Marija biextagħmilkom tfal tajba u żżommkom bogħod mid-dnub biex hekk tferrħu dejjem lil Binha Ġesù.

Jgħidu li waqt il-play famuża tal-Passjoni li ssir kull għaxar snin f'Oberamergau fil-Ġermanja, Ġuda deher fuq il-palk, xagħru mqanfed, ma jafx fejn hu għax biegħ lill-Imgħallem tiegħu. U beda jgħajjat:

*"Issa x'ser nagħmel? Għand min nista' immur biex nikseb il-maħfra?"*

U pront pront, tifel żgħir mill-platea, għajjat:

*"Mur fejn il-Madonna...Mur fejn il-Madonna!"*

U kieku Ġuda mar fejn il-Madonna, ma kienx jiddispra.

Dak it-tfajjel ċkejken jagħti tagħlima lilna lkoll. Qatt m'għandna naqtgħu qalbna u nibżgħu meta nagħmlu xi dnub. Niftakru fil-Madonna. Immorru għandha u Hi żgur tidħol għalina quddiem Binha Ġesù u taqlagħlna l-maħfra ta' dnubietna. Mela, kuraġġ!

Għal-lum dak kollox, tfal. Sa kemm nerġgħu niltaqgħu, il-Bambin iberikkom.

Tata' Iż-Żiju Peppi


VIDEO ON LINE

*Internet Access Service*

VOL, 4th Floor
109 William Reid Str.,
Gzira
Tel: 312000
Fax: 320000
e-mail: info@vol.net.mt
www.vol.net.mt


# JUM SAN ĠORĠ f'PENRITH fl-INGILTERRA

Jum San Ġorġ 1999 ġie ċelebrat b'mod mhux tas-soltu fl-Uffiċju ta' l-Informazzjoni Turista ġewwa Penrith fl-Ingilterra kif deher f'rapport fil-gazzetta the Cumberland News tal-Ġimgħa 23 ta' April. F'dan l-iffiċju ttellgħet wirja b'pitturi u stampi dwar San Ġorġ kif ukoll mudell ta' dragun maħdun minn studenti ta' Ullswater Community College. Din il-wirja kienet tinkludi wkoll bord (ritratt) li kellu fuqu mappa ta' Malta u Għawdex fejn kien hemm indikati l-Belt Victoria u Ħal Qormi, kif wkoll ritratti ta' l-istatwa u l-kwaru titulari tal-Bażilika tagħna, tal-faċċata tal-Bażilika mixgħula għall-festa u ritratti oħra. It-tagħrif dwar Malta u Għawdex li ntwera f'din il-wirja in ġabar minn Viv Rumblod ta' Penrith TIC meta kienet fuq




vaganza f'Malta f'Jannar li għadda.Skond dan ir-rapport saret ukoll trasmissjoni diretta minn George Hotel fejn kien intervistat il-manager il-ġdid Alex Borg li huwa Malti.


RAINBOW FAIR III

Fil-Kumpless tat-Teatru ASTRA
28 ta' Mejju - 1 ta' Ġunju 1999
ARTIĠJANAT SIRJAN, EĠIZZJAN U TUNEŻIN

# AIDA Spettaklu fit-Teatru ASTRA

Mhux faċli ttella' opra tal-kobor ta' l-*Aida* ta' Giuseppe Verdi b'suċċess mingħajr preparazzjoni għaqlija u sagrifiċċji minn kull min ikun daħal biex jorganiżża avveniment bħal dan. Id-diffikultajiet jikbru meta tqis li għal ħafna nies l-*Aida* hija opra ta' l-Arena di Verona, tat-Terme di Caracalla, ta' spazji kbar fejn l-ewwel ma titpaxxa hija l-għajn. Huwa għaldaqstant ta' sodisfazzjon kbir li tgħid li l-*Aida* ttellgħet fit-Teatru Astra, kienet spettaklu li paxxiet lil kull min kien preżenti sew mill-lat viżiv kif ukoll mill-lat mużikali, u l-organiżżaturi jistgħu bir-raġun kollu jgħoddu din l-okkażjoni bħala suċċess ieħor ma' dawk li kellhom fis-snin li għaddew.

Bħal ħafna melodrammi, l-*Aida* tirrakkontalna storja ta' mħabba u sagrifiċċju. L-istorja hija ambjentata ġewwa l-Eġittu, xi elf sena qabel Kristu, fejn għal ħafna żmien kien hemm gwerra kontra l-Etjopja. F'waħda minn dawn il-battalji Aida tisfa priġuniera ta' l-Eġizzjani u tispiċċa skjava u qaddejja ta' Amneris, it-tifla tal-Farawni. Hawnhekk hija ssir tħobb lil Radames, il-kaptan ta' l-armata Eġizzjana, li hu maħbub ukoll min Amneris. Radames ukoll iħobb lil Aida iżda huwa jiġi magħżul biex jiġġieled kontra l-Etjopiċi mmexxija mir-Re tagħhom Amonasro, li huwa wkoll missier Aida.

Meta Radames jiġi lura rebbieħ, b'Amonasro priġunier, hija tintebaħ kemm id-destin kien krudil magħha. Hija tinsab maqbuda bejn l-imħabba lejn art twelidha, l-Etjopja, l-imħabba għal missierha, u l-imħabba lejn Radames. Is-sitwazzjoni li ssib fija Aida hija waħda li tesiġi għażla. It-traġedja sseħħ meta hija ma tkunx trid tirrinunzja la għal Radames u lanqas għal niesha u allura tikkonvinċi lill-maħbub tagħha biex jaħarbu flimkien lejn pajjiżha. Kif Radames jinqabad sejjer jaħrab magħha u jiġi kkundannat għall-mewt bħala traditur, Aida tiddeċiedi li tibqa' miegħu hi wkoll u jmutu t-tnejn flimkien.

Għall-partijiet prinċipali ta' din l-opra t-Teatru Astra ġieb lis-sopran **Pamela Kucenic** (Aida), it-tenur **Rumen Doicov** (Radames), lill-mezzosopran **Ivanka Ninova** (Amneris) u lill-baritonu **Andrew William Smith** (Amonasro). Bla ebda dubju l-ewwel tnejn ħallew impressjoni tajba ħafna bil-vuċi sabiħa li għandhom u għenu mhux ftit sabiex assiguraw is-suċċess ta' din l-opra. Tassew ħasra li Smith ma tantx kien jiflaħ u allura ma setax juri l-potenzjal tiegħu.

Il-partijiet l-oħra tkantaw kinn **George Reid** (Ramfis, is-Saċerdot il-Kbir), **Bruno Ricci** (ir-Re), **Rosabelle Pavia** (Saċerdotessa), u **Arthur Micallef** (Messagero). Kelma ta' tifħir tmur lil min ħa ħsieb ix-xenarju u l-kostumi verament sbieħ, liż-żeffiena u lil **Tanya Bajona**, lill-Kor, li kellu biċċa xogħol iebsa u li taħt id-direzzjoni għaqlija ta' **Maria Frendo** ħareġ bl-unuri kollha, u lil dawk kollha li taw sehemhom wara l-kwinti.

Għoġobni s-Surmast **Joseph Vella** li mexxa tajjeb u żamm kontroll assolut fuq l-orkestra u n-numru kbir ta' kantanti li kellu quddiemu. Ħadt l-impressjoni li seta' ħalla l-partitura d-dar!

Abraham Borg









Ritratti: JOE ATTARD